MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 296/2013

**Sarah Caruana (ID 328781M)**
**vs**
**George Camilleri (ID 11183M)**

Il-Qorti

Rat l-avviz ippresentat fis 27 ta' Settembru 2013 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' ghaxart elef u tmien mitt Euro (€10,800) rappresentanti bilanc minn somma akbar ta' self brevi manu mghoddi lill-intimat, oltre l-imghax sad-data tal-pagament effettiv li, minkejja li gie interpellat diversi drabi jhallas, baqa' qatt ma hallas.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fid-29 ta' Novembru 2013 fejn eccepixxa illi s-somma reklamata ma kienetx dovuta.

Rat l-affidavit ta' **Sarah Caruana** ippresentat fl-24 ta' Jannar 2014 flimkien mad-dokumenti minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **George Camilleri** moghtija fit 3 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Romwald Attard**, rappresentant tal-Bank of Valletta plc moghtija fl-14 ta' Marzu 2014 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat l-affidavit ta' **Dr Lena Sammut** ippresentat fl-14 ta' Marzu 2014.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Sarah Caruana moghtija fid 9 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Denia Ellul**, rappresentant tal-Melita plc, moghtija fis-16 ta' Gunju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Marisa Gauci**, rappresentant tal-Vodafone Malta plc, moghtija fis-16 ta' Gunju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat l-affidavit ta' **George Camilleri** ippresentat fid 29 ta' Settembru 2014.

Rat illi fit 13 ta' Novembru 2014, il-Qorti giet infurmata illi l-intimat kien disposta illi jittransigi l-kawza mar-rikorrenti.
Rat illi, dakinhar, l-intimat ivverbalizza s-segwenti transazzjoni:

> *Is-somma dovuta hija ta' disat elef Euro (€9,000), liema somma kienet ser tithallas permezz ta' pagamenti mensili fuq perijodu ta' tmintax-il xahar mit 8 ta' Jannar 2015, permezz ta' pagamenti mensili ta' hames mitt Euro fix-xahar (€500) li jithallsu kull tmien (8) gurnata tax-xahar sussegwenti sakemm jithallas l-ammont kollu.*
>
> *L-imghax jibda jiddekorri mit-8 ta' Lulju 2015 bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'dan illi jekk jaqbez pagament li jibqa pendenti ghal aktar minn sittin (60) gurnata, l-imghax awtomatikament jitla ghal tmienja fil-mija (8%) skond il-Ligi u jibqa hekk sakemm jithallas l-ammont intjier.*
>
> *L-ispejjez tal-proceduri odjerni ser jithallsu mill-intimat sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Dicembru 2014.*

Rat illi, wara dana il-verbal, ir-rikorrenti gharrfet lill-Qorti illi hija qieghda taccetta din l-offerta u disposta li tittransigi l-kaz fuq dawn il-linji.

Rat illi l-kawza giet differita ghac-cessjoni.

Rat illi fis-seduta tad 19 ta' Jannar 2015, il-Qorti giet infurmata illi l-pagament imwieghed kien ghadu ma sarx izda l-intimat kien ser jikkomunika ma' l-avukat tiegu dakinhar stess.

Rat illi dakinhar il-kawza giet differita ghac-cessjoni b'dan illi jekk dana ma jsehhx il-Qorti tghaddi ghas-sentenza abbazi ta' dak ivverbalizzat quddiemha fit 13 ta' Novembru 2014.

Rat illi fis-seduta tas 26 ta' Jannar 2015, il-Qorti giet infurmata illi l-ewwel pagament ta' hames mitt Euro kien sar.

Rat illi l-partijiet talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza abbazi ta' dak miftiehem quddiemha filwaqt illi tiehu konjizzjoni tal-pagament illi gia sar.

Ghalhekk il-Qorti ser taqbad u tiddeciedi l-kaz abbazi ta' dak miftiehem mill-partijiet quddiemha fit-13 ta' Novembru 2014 billi tilqa' talba attrici kif gej:

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas is-somma ta' disat elef Euro (€9,000), li minnhom is-somma ta' hames mitt Euro (€500) gia thallset waqt il-mori tal-kawza, u dina s-somma trid tithallas permezz ta' pagamenti rateali ta' hames mitt Euro (€500) fix-xahar kull tmien (8) gurnata tax-xahar.
Imghax fuq tali somma tibda tiddekorri mit 8 ta' Lulju 2015 bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'dan illi jekk l-itnimat jonqos milli jhallas pagament ghal aktar minn sittin (60) gurnata, ir-rata ta' l-imghax toghla ghal tmienja (8) fil-mija fuq il-bilanc kollu dovut u jibqa hekk kalkolat sakemm jithallas il-bilanc kollu.

Spejjez tal-kawza ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------